MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 595/2012

Kawza fil-lista: 24

**Rikors Kongunt ta' A C u B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-14 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Mejju 1993, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto aktar minn erba' snin;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi jaqblu li l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom ghandha tieqaf.

Ghaldaqstant talbu li l-Qorti:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;
2. Tordna x-xoljiment u d-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom;
3. Tawtorizza lil B C tirriverti ghal kunjom xbubitha “D”;
4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fil-mori tal-kawza l-partijiet resqu fuq kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ppubblikat min-Nutar Dr Ritienne Bugeja fl-14 ta’ Mejju 2013 u ghalhekk il-mertu tat-tieni talba jinsab ezawriet.

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet;

2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

3) Tawtorizza lil B C tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ D;

4) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-

partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------